TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Josephine Grima

vs

Noel Pace ghan-nom ta' One Percent

CCT 97/18/MS

2 ta' Jannar 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Lulju 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €2,994.70, prezz ta' mejda tal-irham mixtrija minghand l-azjenda intimata, liema mejda ttebghet wara illi twaqqa' juice tal-frott fuq il-wicc.

Ra illi l-azjenda intimata, debitament notifikata ma dahlet l-ebda risposta, pero' rapprezentant taghha deher ghas-seduta quddiem dan it-Tribuna u ta ix-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi fit-30 ta' Novembru 2016 ir-rikorrenti xtrat mejda tal-irham u tmien siggijiet minghand l-azjenda intimata ghall-prezz totali ta' €4,200 (ara l-ircevuta annessa). Ir-rikorrenti tghid illi qabel ma xtrat il-mejda, hadd mill-kumpanija ma gibdilha l-attenzjoni dwar il-fatt illi l-wicc tal-mejda seta' facilment jittebba, u ma nghatatx istruzzjonijiet kif kellha tiehu hsieb il- wicc tal-irham. Tghid ukolli lli meta l-mejda giet konsenjata, ma kienx hemm manual jew ktieb tal-istruzzjonijiet, ghalkemm, skond hi, kienet fittxet dan il-ktieb bir-reqqa.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Gara li xi xahrjen wara, ghal habta ta' Jannar/ Frar 2017 waqghet ftit zejt fuq il-wicc tal-irham u fil-pront uzat l-isgrassatore bil-konsegwenza li l-mejda ttebghet mal-ewwel. Kienet cemplet lill-intimat Noel Pace, li min-naha tieghu qalilha li l-isgrassatore ma setax jintuza fuq l-irham. Issugerielha li tiehu l-mejda ghand habib tieghu li kien jahdem Hal Mann, sabiex tinbarax pero', minhabba li r-rikorrenti tghix Ghawdex ma reditx tintriga bl-ispejjes tat-trasport u l-affari waqqfet hemm. Gara pero', li xi tmien xhur wara, ghal habta ta' Ottubru 2017, xi hadd waqqa' orange juice fuq il-wicc tal-mejda u ghal darb'ohra din regghet ittebghet. Ir-rikorrenti ghamlet kuntatt mal-intimat li offrielha li ggib il-mejda biex joborxuha u ofrielha wkoll li jaqsmu l-ispejjes tat-trasport. Peress illi l-mejda kellha tixxarrab, kien hemm riskju li l-injama ta' taht tespandi u l-intimat ried li r-rikorrenti tiffirma karta li tezimieh mir-responabilta'. Ir-rikorrenti rrifjutat u ghalhekk irrikoriet ghal dawn il-proceduri.

Illi min-naha l-ohra, Noel Pace ghall-azjenda intimata li thalla jixhed f'dawn il-proceduri, ighid illi ghalkemm ma kienx prezenti waqt il-bejgh tal-mejda lir-rikorrenti u lanqas ma kien prezenti waqt il-konsenja, sa fejn jaf hu, kull prodott tal-Poliform jigi b'manual, garanzija u istruzzjonijiet, ghalkemm jikkoncedi illi dan seta' gie mormi mal-packaging bi zball, jew mid-delivery men jew adirittura mir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Ili l-argument principali tar-rikorrenti huwa l-fatt illi hi ma gietx avzatha kif ghandha tiehu hsieb il-mejda - la mill-impjegati li kienu ttrattaw maghha waqt il-bejgh u l-anqas wara meta saret il-konsenja. Terga' u tghid, peress illi ma kienx hemm ktieb tal-istruzzjonijiet ma setghetx tkun taf x'tip ta' kura kellha bzonn l-irhama tal-mejda u tghid illi li kieku kienet taf, dan kollu seta' jigi evitat.

It-Tribunal ghandu dubji serji dwar dan. Hareg car mill-provi prodotti, illi fuq almenu tlett dokumenti ezebiti mir-rikorrenti stess - is-sales Order u l-ircevuta datati 26 ta' Settembru 2016 kif ukoll l-invoice datat 30 ta' Novembru 2016, a tergo, hemm numru ta kundizzjonijiet generali. Fost dawn il-kundizzjoniet, insibu l-artikolu 14, fejn hemm klawzola specifika li tirrigwarda l-kura tal-irham, senjatament il-kwistjoni li hija l-mertu ta' din il-kawza.

"Marble is a natural material ...... is not tolerant to acidic elements and even in small amounts acid may corrode the surface and penetrate the pores leaving opaque stains ....."

Illi huwa ben maghruf illi fejn jidhol materjal bhal irham, dan facilment jittebba' u wiehed ghandu joqghod ferm attent x'ipoggi fuqu peress li dan fin-natura tieghu huwa poruz u jassorbi likwidu mal-ewwel u ghalhekk facilment jittebba'. Jidher ghalhekk illi ghalkemm ir-rikorrenti kienet ilha tfaddal hafna biex tkun tista' tixtri din il-mejda, sfortunatament jidher li d-decizjoni taghha ma kenitx infurmata bizzejjed dwar dak li kienet ser tixtri. Ghalkemm fix-xhieda taghha tghid illi li kieku kellha din l-informazzjoni a disposizzjoni taghha, l-incident seta' jigi evitat, fir-realta din l-informazzjoni kienet a disposizzjoni taghha u kien nuqqas taghha li ma qratx dawn il-kundizzjonijiet generali inkluzi fid-dokumenti tal-bejgh li uhud minnhom kienu disponibbli ghaliha qabel il-konsenja tal-mejda.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti tghid li fittxet fuq li fittxet jekk kienx hemm xi booklet jew manual ergo la ma sabitux xejn ma kien izommha milli taghmel kuntatt mal-azjenda intimata u titlob istruzzjonijiet jew bil-fomm jew bil-miktub. Pero' minn dan m'ghamlet xejn. It-Tribunal jinnota kontradizzjoni ohra fix-xhieda taghha ghaliex anke jekk ma kenitx taf dwar id-delikatezza tal-irham almenu sa' Jannar/ Frar 2017, zgur li wara l-ewwel incident kienet konxja ta' dan. Pero' jidher illi anke b'din l-informazzjoni, t-tieni incident ma giex evitat u tmien xhur wara twaqqa' l-orange juice fuq il-mejda: materjal illi huwa aciduz u ghalhekk jaqa' pjenament taht il-caveat imsemmi fl-artikolu 14 tal-kundizzjonijiet generali kif ukoll kif l-istess intimat kien avzaha fi Frar ta' qabel.

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, t-Tribunal ma jhossx illi r-rikorrenti rnexxielha tipprova li l-incident li wassal biex hi tiftah din il-kawza kien tort tal-intimat u li seta' gie evitat li kieku r-rikorrenti kienet fil-pusess ta' struzzjonijiet/ manual jew li kieku giet avzatha minn qabel mill-intimat fuq kif ghandha tiehu hsieb il-mejda. Il-provi juru bil-kontra peress illi ma ghaditx attenta ghal istruzzjonijiet li gew moghti lilha permezz tad-dokumenti msemmija. U anke meta giet avzatha espressament mill-intimat, dan xorta ma kienx bizzejjed biex jigi evitat it-tieni incident.

Jibqa' ghalhekk il-kwistjoni jekk il-mejda kenitx tajba ghall-uzu li kienet intenzjonata. Ir-rikorrenti targumenta illi dining table li tittebba' daqshekk malajr mhijex tajba ghall-uzu taghha, peress illi huwa ragonevoli li wiehed jistenna li likwidi ha jaqghu fuq dining table. It-Tribunal ma jistax jaqbel ma' dan l-argument. Huwa fatt illi r-rikorrenti rrikoriet ghal dawn il-proceduri wara li uzat il-mejda ghal sena. Kien biss wara l-incident ta' Ottubru 2017 li ddecidiet li taghmel dan l-ilment, fejn qed titlob li tinghata fllusha lura jew inkella mejda gdida. Li kieku ma kienx ghal fatt li orange juice twaqqa' fuq il-mejda il-funzjonament taghha ma kienx ikun kompromess. Setghu ghaddew is-snin ta' uzu kontinwu u r-rikorrenti kienet tkun kuntenta. Il-mejda giet konsenjata f'kundizzjoni tajba, ir-rikorrenti kienet kuntenta biha u l-hsara giet ikkawzata minn materjal estranju b'element ta' traskuraguni tort tal-istess rikorrenti jew ta' xi hadd iehor fil-familja taghha. Dina mhijiex kwistjoni ta' din il-mejda partikolari. Kull wicc tal-irham genwin qieghed fejn qieghed huwa soggett ghal tbajja jekk jigi f'kuntatt ma' certa materjal jew likwidi. L-intimat ma jistax jigi misjub responsabbli ghal hsara maghmula mir-rikorrenti sforz in-negligenza u n-nuqqas ta' hsieb taghha. Wara kollox 'caveat emptor' - -ix-xerrej ghandu jiehu hsieb illi jaghmel decizjoni infurmata dwar dak li qed jixtri u l-adegwatezza tal-prodott.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru